

SUSTANZI PERIKOLUŻI U KOMUNIKAZZJONI B'SUĊĊESS FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

1. Introduzzjoni

L-impjegaturi, il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom jeħtieġ li jkunu jafu dwar ir-riskji għas-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol u kif għandhom jiġu ġestiti dawn ir-riskji. Il-komunikazzjoni effettiva dwarhom hija ta' sfida. Ir-regolamenti l-ġodda dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH⁽¹⁾) u dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ (CLP⁽²⁾) jgħinu biex tiġi affrontata din l-isfida.

REACH għandu l-għan li jtejjeb l-ammont u l-kwalità tal-informazzjoni disponibbli dwar sustanzi kimiċi u jiddefinixxi d-dispożizzjonijiet il-ġodda għall-komunikazzjoni tul il-katina tal-provvista. Ir-regolament CLP juża din l-informazzjoni biex jgħin biex jiġu identifikati klassifikazzjonijiet preċiżi u biex il-periklu jiġi kkomunikat lill-utent. Din l-iskeda informattiva hija aġġornament għall-iskeda informattiva 35⁽³⁾ u tippreżenta t-tibdil rilevanti. Hija toffri wkoll punti għal kunsiderazzjoni fir-rigward tal-komunikazzjoni b'suċċess fuq il-post tax-xogħol dwar sustanzi perikolużi.

Huwa importanti li wieħed jinnota li l-perikli jiddependu fuq kif u taħt liema ċirkostanzi jintużaw is-sustanzi fuq il-post tax-xogħol. Ġeneralment, l-għabra tad-dqiq mhix ipperċepita bħala perikoluża, iżda tista' ssir ta' periklu għas-saħħa tal-furnara, jew tista' wkoll tikkawża splużjonijiet. L-istess jista' jingħad għall-ilma, pereżempju l-ilma distillat użat fil-laboratorju, meta jiġi f'kontatt ma' sustanzi li jirreaġixxu b'mod vjolenti miegħu (eż. xi perossidi). Skont il-leġiżlazzjoni dwar il-post tax-xogħol, l-impjegaturi għandu jkollhom ħarsa ġenerali fuq dawn il-fatturi kollha ta' riskju u kif jistgħu jinteraġixxu biex ipoġġu lill-ħaddiema f'riskju. Huma jridu jikkunsidraw ukoll il-prodotti kollha, anke meta dawn jintużaw bħala intermedjarji, maħżuna jew ittrasportati, u l-kompiti rilevanti kollha.



David Tiiro Osorio

2. Leġiżlazzjoni

Skedi ta' data ta' sigurtà u t-tikketti huma sorsi importanti ta' informazzjoni dwar il-perikli ta' sustanzi kimiċi. Il-fornituri, il-manifatturi jew l-importaturi ta' sustanza jew taħlita perikoluża jridu jittikkettaw l-imballaġġ tagħha skont is-CLP qabel ma jikkummerċjalizzawha, u jipprovdu skeda ta' data ta' sigurtà lill-utenti professjonali. L-iskedi ta' data ta' sigurtà huma rregolati mir-regolament REACH u għandhom jippermettu lill-impjegaturi biex jivvalutaw ir-riskji possibbli għall-ħaddiema u/jew għall-ambjent. Il-fornituri ta' sustanzi kimiċi perikolużi (sustanzi u taħlitiet) għandhom jipprovdu wkoll informazzjoni dwar l-użu maħsub tagħhom. Għal ħafna sustanzi kimiċi perikolużi, l-iskeda ta' data ta' sigurtà jrid ikun fiha "xenarju ta' esponiment", li jiddeskrivi l-użu identifikat tas-sustanza, il-kundizzjonijiet operazzjonali u l-miżuri ta' ġestjoni tar-riskji rilevanti għall-użu tagħha.

Ir-regolamenti REACH u/jew CLP mhumieq (kompletament) applikabbli għal xi tipi ta' sustanzi, pereżempju l-mediċini bħal mediċini ċitostatiċi, il-kożmetiċi bħal prodotti tal-hairdressing, u l-ikel u l-oġġetti tal-għalf. L-utenti jistgħu mbaġħad ma jkollhomx aċċess għal skedi ta' data ta' sigurtà jew għal

¹ Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni u emendi sussegwenti <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2006:396:0001:0849:EN:PDF>.

² Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) u emendi sussegwenti <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX:32008R1272>.

³ <https://osha.europa.eu/en/publications/factsheets/35/view>

sustanzi kimiċi ttikkettati, iżda jistgħu jirċievu l-informazzjoni dwar il-perikli u l-użu sikur mill-fornituri tagħhom f'forma differenti.

Id-Direttiva dwar l-aġenti kimiċi ⁽⁴⁾ tispeċifika li l-impjegaturi għandhom jiksbu informazzjoni addizzjonali li hija meħtieġa għall-valutazzjoni tar-riskju fuq il-post tax-xogħol mill-fornitur jew minn sorsi oħrajn faċilment disponibbli. Hija wkoll ir-responsabbiltà tal-impjegatur biex jiżgura li l-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom ikunu infurmati u mħarrġa dwar:

- il-karatteristiċi perikolużi tal-aġenti kimiċi;
- il-livell, it-tip u t-tul taż-żmien tal-esponiment u ċ-ċirkostanzi tax-xogħol;
- prekawżjonijiet xierqa li għandhom jittieħdu sabiex jissalvagwardjaw lilhom infushom u lill-ħaddiema l-oħra fuq il-post tax-xogħol, inkluż xi jrid isir f'każ ta' inċident (eż. tixrid) jew emerġenza;
- l-effett tal-proċeduri għall-ġestjoni tar-riskji;
- valuri tal-limitu tal-esponiment waqt ix-xogħol (OEL);
- konklużjonijiet li għandhom jinħarġu minn kwalunkwe sorveljanza tas-saħħa u valutazzjoni tal-espożizzjoni li diġà twettqu.



Dries Vanderschaeghe

Barra minn hekk, l-impjegatur għandu jiżgura li l-ħaddiema jkunu konxji tal-bidliet fil-proċessi jew fis-sustanzi użati.

Hemm regoli speċifiċi għall-protezzjoni taż-żgħażaġh u ta' ħaddiema nisa tqal jew li qed ireddegħu u ta' ħaddiema li welldu reċentement, u biex jinfurmaw lilhom u lir-rappreżentanti legali ta' tfal taħt il-15-il sena li jwettqu xogħol (ħafif) dwar ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà u l-miżuri preventivi ⁽⁵⁶⁾.

L-impjegaturi jridu jżommu reġistri dwar l-esponiment u s-sorveljanza tas-saħħa tal-ħaddiema li x'aktarx ikunu esposti għal sustanzi perikolużi, b'mod speċjali l-karċinoġeni u l-mutaġeni ⁽⁷⁾, u jagħtu lill-ħaddiema l-aċċess għad-data personali tagħhom.

Id-direttivi tal-UE dwar il-post tax-xogħol iridu jiġu trasferiti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. L-Istati Membri huma intitolati li jinkludu xi dispożizzjonijiet addizzjonali, aktar dettaljati jew aktar stretti għall-protezzjoni tal-ħaddiema, peress li d-Direttivi korrispondenti jistabbilixxu rekwiżiti minimi.

Għaldaqstant huwa rakkomandat bils-saħħa li inti tfittex kjarifika dwar il-leġiżlazzjoni nazzjonali speċifika li tista' tapplika fir-rigward tal-użu ta' sustanzi perikolużi fuq il-post tax-xogħol.

L-ittikkettar ta' sustanzi kimiċi

Ir-regolament CLP jispeċifika informazzjoni standardizzata li għandha tiġi pprovduta fit-tikketti, pittogrammi u skedi ta' data ta' sigurtà disponibbli għall-utenti. Dan jissostitwixxi d-Direttivi preċedenti dwar sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi. Madankollu, sal-1 ta' Ġunju 2015 xorta jistgħu jintużaw il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ qodma għat-taħliti. L-ittikkettar mill-ġdid u l-imballaġġ mill-ġdid ta' preparazzjoni (taħlita) li hija diġà ttikkettata u mballaġġata u tinsab fil-katina tal-provvista fl-1 ta' Ġunju 2015, jistgħu jiġu posposti sal-1 ta' Ġunju 2017. Mill-1 ta' Ġunju 2017, it-tikketti u l-pakketti kollha jridu jikkonformaw mar-regolament il-ġdid, inklużi dawk għal prodotti li diġà kienu fis-suq qabel l-1 ta' Ġunju 2015.

⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (<http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:1998:131:0011:0023:EN:PDF>).

⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddegħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (<http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:1992:348:0001:0007:EN:PDF>).

⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 94/33/KE tat-22 ta' Ġunju 1994 dwar il-protezzjoni taż-żgħażaġh fuq ix-xogħol (<http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:1994:216:0012:0020:EN:PDF>).

⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 90/394/KEE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-karċinoġeni fuq il-post tax-xogħol (Is-Sitt Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (<http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:1998:131:0011:0023:EN:PDF>).

It-tikketta għandu jkollha l-informazzjoni li ġejja:

- informazzjoni ta' kuntatt tal-fornitur(i);
- l-isem tal-prodott u tas-sustanzi (b'mod ġenerali sa massimu ta' erbgħa) fil-prodott li jikkontribwixxu għall-klassifikazzjoni;
- numri ta' identifikazzjoni rilevanti, eż. numru EC⁽⁸⁾ jew numru CAS⁽⁹⁾;
- indikazzjonijiet standardizzati ta' periklu: pittogrammi ta' periklu, kliem ta' senjalazzjoni, dikjarazzjonijiet dwar il-perikli (H) u dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni (P).

Pittogrammi ta' periklu ħadu post is-simboli ta' periklu qodma, id-dikjarazzjonijiet H ħadu post il-frażijiet P qodma u d-dikjarazzjonijiet P ħadu post il-frażijiet S qodma li kienu ġew iddefiniti fil-leġiżlazzjoni preċedenti. Eżempji ta' pittogrammi ta' periklu tas-CLP huma:



(periklu għas-saħħa) u



(fjamabbli)

Eżempji ta' dikjarazzjonijiet H u P huma H312 "Perikoluż jekk imiss mal-ġilda", EUH070 "Tossiku f'każ ta' kuntatt mal-għajnejn" u P262 "Iddaħħalx fl-għajnejn, fuq il-ġilda, jew fuq l-ilbies" ⁽¹⁰⁾.

Ir-frażi tar-riskju u tas-sigurtà meħtieġa taħt is-sistema qadima (Direttivi 67/548/KEE u 99/45/KE) xorta tista' tintuża għal preparazzjonijiet (taħlities) sal- 1 ta' Ġunju 2015.

Skedi ta' data ta' sigurtà

Għal ħafna sustanzi perikolużi, il-fornituri ta' sustanzi kimiċi jridu jipprovdu skeda ta' data ta' sigurtà bl-informazzjoni dwar:

- il-karatteristiċi tas-sustanzi;
- il-perikli għas-saħħa, għall-ambjent u dawk fiżiċi-kimiċi;
- il-ħażna, l-immaniġġjar, it-trasport u r-rimi finali;
- l-istruzzjonijiet ta' sigurtà għall-ħaddiema, u dwar it-tifi tan-nar, dwar ħruġ aċċidentali u għall-ewwel għajnuna.

Skeda ta' data ta' sigurtà trid tagħmel referenza għal OELs rilevanti u għal livelli derivati ta' bla effett (DNELs)⁽¹¹⁾ stabbiliti taħt REACH. Il-ħaddiema jew ir-rappreżentanti tagħhom irid ikollhom aċċess għall-iskedi ta' data ta' sigurtà. L-impjegatur għandu jaġġusta l-miżuri rakkomandati mill-iskedi ta' data ta' sigurtà għall-kundizzjonijiet speċifiċi ta' kull post tax-xogħol.

Għal sustanzi li huma manifatturati jew importati fi kwantitajiet ta' aktar minn 10 tunnelli kull sena u huma kklassifikati bħala perikolużi, l-iskedi ta' data ta' sigurtà għandu jkollhom "Xenarji ta' esponiment" li jiddeskrivu l-użu identifikat tas-sustanza, il-kundizzjonijiet operazzjonali u l-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju rilevanti għall-użu. L-utenti għandhom jivverifikaw jekk humiex jużaw is-sustanzi skont ix-xenarji ta' esponiment ipprovduti jew le. Jekk huma ma jaġħmlux dan, huma għandhom jipprovdu informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet speċifiċi tagħhom lill-fornitur tagħhom, li dan imbagħad irid jikkunsidra din l-informazzjoni.



Nuno Olivera

⁸ In-Numru tal-Kummissjoni Ewropea, jew numru tal-KE, magħruf ukoll bħala numru EC, Numru EINECS, u EC#, huwa identifikatur uniku b'seba' figuri li huwa assenjat ma' sustanzi kimiċi għal skopijiet regolatorji fi f'dan l-Unjoni Ewropea mill-awtoritajiet regolatorji. Il-lista ta' sustanzi li għandhom numru EC hija msejja l-Inventarju EC (<http://esis.jrc.ec.europa.eu/index.php?PGM=ein>)

⁹ In-Numru tar-Reġistru CAS huwa identifikatur numeriku uniku li jista' jkun fih sa 10 figuri, maqsum fi tliet partijiet b'sinkijiet.

Pereżempju, 58-08-2 huwa n-Numru tar-Reġistru CAS għall-kafè. Numru tar-Reġistru CAS huwa assenjat lil sustanza meta din tidħol fid-database tar-REĠISTRU CAS. Ir-REĠISTRU CAS fih aktar minn 71 miljun sustanza organika u inorganika u 64 miljun sekwenza. Dan ikopri sustanzi identifikati mil-letteratura xjentifika mill-1957 sal-lum, b'sustanzi addizzjonali li jmorru lura għall-bidu tas-seklu 20. Madwar 15 000 sustanza ġdida huma miżjuda kull ġurnata. (<http://www.cas.org/content/chemical-substances>).

¹⁰ <https://osha.europa.eu/en/topics/ds/clp-classification-labelling-and-packaging-of-substances-and-mixtures>

¹¹ Taħt REACH hemm rekwiżit għal livelli derivati ta' bla effett (DNELs) ibbażati fuq is-saħħa biex jiġu stabbiliti għall-esposizzjoni okkupazzjonali (u mhux okkupazzjonali) għal sustanzi kimiċi prodotti jew importati fl-Ewropa fi kwantitajiet annwali ta' aktar minn 10 tunnelli. Għal aktar informazzjoni ara Mistoqsijiet Frekwenti dwar REACH u CLP.

Sorsi ta' informazzjoni oħra

Għal xi prodotti, bħal farmaċewtiċi jew kożmetiċi (eż. prodotti tal-hairdressing), m'għandha tiġi pprovduta l-ebda skeda ta' data ta' sigurtà. Madankollu, anke għal sustanzi kimiċi bi skeda ta' data ta' sigurtà, tista' tkun meħtieġa aktar informazzjoni. Biex tinġabar l-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni tar-riskji u t-teħid ta' azzjoni preventiva tista' għalhekk:

- tuża sorsi oħra (eż. dokumentazzjoni teknika, struzzjonijiet għall-użu, databases b'informazzjoni dwar riskji kimiċi, bħalma huma mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (<http://echa.europa.eu/web/guest/information-on-chemicals>), jew letteratura teknika u xjentifika);
- saqsi lill-fornituri tiegħek;
- ikkonsulta servizzi preventivi;
- fittex pariri mingħand organizzazzjonijiet professjonali (korpi kummerċjali, kmamar tal-kummerċ, trejdnjins, is-sigurtà soċjali u oħrajn);
- agħmel kuntatt mal-awtoritajiet.

Punti ewlenin

- Fittex għal tikketti u skedi ta' data ta' sigurtà (SDS) ġodda.
- Ftarreġ lill-ħaddiema biex jifhmu u jagħrfu l-informazzjoni ġdida fuq it-tikketti.
- Ara li l-użu tiegħek tas-sustanza jew taħlita huwa kopert fuq l-SDS u li mhuwiex wieħed minn dawk mhux rakkomandati.
- Segwi l-pariri pprovduti fuq it-tikketti u l-iskedi ta' data ta' sigurtà l-ġodda.
- Ara jekk inbidlitx il-klassifikazzjoni.
- Evalwa r-riskji għall-ħaddiema u aġġorna l-valutazzjonijiet tar-riskju għall-post tax-xogħol tiegħek jekk ikun hemm bżonn.
- Jekk int impjegatur, kellem lill-ħaddiema tiegħek dwar dawn il-bidliet.
- Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar it-tikketta jew l-iskeda ta' data l-ġdida, kellem lill-fornitur tiegħek.

Sors: DĠ għall Impjiegi.

Eżempji ta' sistemi ta' informazzjoni utli

- Il-websajt "Elementi essenzjali tas-COSHH" tal-HSE tar-Renju Unit tipprovdni stadji faċli biex jiġu vvalutati u kkontrollati r-riskji għas-saħħa minn sustanzi kimiċi fuq il-post tax-xogħol (<http://www.coshh-essentials.org.uk>), inklużi kampjuni ta' valutazzjonijiet tar-riskju għal ħafna setturi u proċessi tax-xogħol u studji ta' każijiet ta' sitwazzjonijiet tal-ħajja reali.
 - Id-database ta' Gestis dwar sustanzi perikolużi (<http://www.dguv.de/ifa/en/gestis/stoffdb>) fiha informazzjoni dwar madwar 8 000 sustanza kimika fuq il-post tax-xogħol. Is-sistema hija kkollegata ma' database ta' esponiment (MEGA) b'data mingħand aktar minn 60 000 kumpanija, database ta' skedi ta' data ta' sigurtà (ISI), database internazzjonali tal-OEL (hemm elenkati valuri ta' limiti ta' madwar 1 700 sustanza) u database tad-DNEL. Barra minn hekk, hija kkumplementata minn database ta' karatteristiċi ta' kombustjoni u ta' splużjoni (Gestis-Dust-Ex) ta' aktar minn 4 600 kampjun tat-trab li jkopru l-maġġoranza tas-setturi tal-industrija.
- L-Iskedi Internazzjonali dwar is-Sigurtà Kimika (ICSCs; <http://www.ilo.org/dyn/icsc/showcard.home>) ġew żviluppati minn organizzazzjonijiet internazzjonali għal aktar minn 1 700 sustanza. Dawn jintużaw fil-livell tal-produzzjoni u spiss jiffurmaw parti mill-attivitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ. Huma jistgħu jintużaw ukoll mill-aġenziji li jirrispondu għal inċidenti kimiċi.
 - L-ICSC huma integrati fil-Portal Globali tal-OECD għall-Informazzjoni dwar Sustanzi Kimiċi (eChemPortal, <http://www.oecd.org/env/ehs/risk-assessment/echemportalglobalportaltoinformationonchemicalsubstances.htm>), li jipprovdni aċċess pubbliku bla ħlas għall-informazzjoni dwar il-karatteristiċi fiżikokimiċi u data dwar it-tossiċità. L-eChemPortal jipprovdni links diretti għal ġabriet ta' informazzjoni mħejjija għal programmi ta' reviżjoni fil-livelli nazzjonali, reġjonali u internazzjonali. Dan jagħti wkoll riżultati tal-klassifikazzjoni skont l-iskemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni tal-periklu jew skont is-Sistema Globalment Armonizzata tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikettar ta' Sustanzi Kimiċi (GHS). Barra minn

hekk, l-eChemPortal jipprovdi xi esponiment u juża informazzjoni dwar sustanzi kimiċi. Jista' jtniżżel fuljett li jipprovdi aktar dettalji dwar il-proġett eChemPortal ⁽¹²⁾.

- L-Għodda Internazzjonali għall-Kontroll tas-Sustanzi Kimiċi (http://www.ilo.org/legacy/english/protection/safework/ctrl_banding/toolkit/icct) tipprovdi skema għall-protezzjoni kontra sustanzi kimiċi perikolużi fuq il-post tax-xogħol għall-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, u jkopri l-pestiċidi u s-solventi komuni. Hija tipprovdi skedi ta' gwida għal kompiti speċifiċi li jinvolvu l-immaniġġjar ta' sustanzi perikolużi, bħal taħlit, mili ta' xkejjer jew il-manutenzjoni ta' ventilazzjoni tal-egżost lokali.
- L-Istitut Federali Ġermaniż għas-Saħħa u s-Sigurtà Okkupazzjonali (BAuA) żviluppa skema ta' kontroll li tintuża b'mod faċli fir-rigward ta' sustanzi kimiċi għal fuq il-post tax-xogħol, li tkopri r-riskji u l-kompiti f'każ ta' nar u splużjoni skont is-CLP, l-EMKG (<http://www.baua.de/en/Topics-from-A-to-Z/Hazardous-Substances/Hazardous-Substances.html>).
- Il-Portal ta' Appoġġ ta' Sostituzzjoni (SUBSPORT: <http://www.subsport.eu/>) fih 28 lista ta' sustanzi bir-restrizzjonijiet (rakkomandati) fl-użu u database ta' każijiet ta' sostituzzjoni, kif ukoll materjali ta' taħriġ biex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni Prattika ta' sostituzzjoni fil-livell tal-produzzjoni.
- L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ippubblikat modulu tal-istruzzjoni għall-kumitati dwar is-saħħa u s-sigurtà, disponibbli fuq: <http://actrav.ilo.org/actrav-english/telearn/osh/kemi/ciwmain.htm>.
 - Hemm ukoll ħafna sorsi u sistemi minn gruppi settorjali tal-industrija jew il-gvernijiet nazzjonali u l-istituti fl-Istati Membri, li joffru gwida, deskrizzjonijiet u links. Pereżempju, ir-Rumanija għandha "Gwida għall-Impjegaturi dwar it-Tnaqqis fl-Esponiment tal-Ħaddiema għal Sustanzi Kimiċi Perikolużi fuq il-Post tax-Xogħol".

Lista ta' kontroll bħala informazzjoni għall-ħaddiema

Taf:

- dwar il-valutazzjoni tar-riskju fuq il-post tax-xogħol tiegħek?
- liema perikli qed tiġi espost għalihom?
- kif tista' tiġi affettwat?
- x'għandek tagħmel biex iżżomm lilek innifsek u lill-oħrajn sikuri (jiġifieri kif għandhom jiġu kkontrollati r-riskji)?
- kif tivverifika u tinduna meta l-affarijiet huma ħżiena u lil min għandek tirrapporta kwalunkwe problema?
 - dwar ir-riżultati ta' kull monitoraġġ ta' esponiment jew sorveljanza tas-saħħa?
- dwar miżuri preventivi u protettivi li għandhom jittieħdu f'każ ta' xogħol ta' manutenzjoni?
- dwar proċeduri tal-ewwel għajjnuna u ta' emerġenza?

Lista ta' kontroll għal komunikazzjoni tajba bejn l-impjegatur u l-ħaddiema

Hemm lista tas-sustanzi perikolużi użati jew prodotti f'kull post tax-xogħol? Dan għandu jinkludi prodotti miġjuba mis-sottokuntratturi u jista' jinvolvi tagħmir tat-tkessiħ, pestiċidi, żjut tekniċi, aġenti tat-tindif jew fjuwil.

- Hemm skeda ta' data ta' sigurtà li hija disponibbli għal kull sustanza kimika perikoluża użata? Hemm disponibbli kwalunkwe gwida oħra dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema?
- L-informazzjoni mill-iskeda ta' data ta' sigurtà u kwalunkwe gwida oħra ġew tradotti f'istruzzjonijiet fuq il-post tax-xogħol li jagħtu informazzjoni Prattika dwar l-immaniġġjar u l-użu ta' sustanzi kimiċi fir-rutina ta' kuljum?
- Hemm għarfien dwar il-fluss tas-sustanzi kimiċi fil-kumpanija? Kemm qed jinx tara u minn min? Kemm qed jinħażen f'okkażjonijiet individwali? Fejn qed imorru s-sustanzi kimiċi? Min jiddeċiedi fuq dak li jinx tara u min hu involut?

¹² <http://www.oecd.org/env/ehs/risk-assessment/oecd%20brochure-1c%204-12->

- Kull kontenitur għal sustanza kimika perikoluża (eż. btieti, flieken, tankijiet tal-ħażna) huwa ttikkettat bl-identità tal-prodott u bi twissijiet ta' periklu xierqa b'rabta kemm mal-perikli fiżiċi (eż. riskju ta' splużjoni) kif ukoll mal-perikli għas-saħħa?
- Twettqet valutazzjoni tar-riskju u r-riżultati tagħha ġew ikkomunikati?
- Il-ħaddiema jiġu mistoqsija b'mod regolari dwar problemi potenzjali ta' saħħa u ta' sigurtà?
- L-informazzjoni, l-istruzzjonijiet u t-taħriġ rilevanti dwar is-sustanzi perikolużi fuq il-post tax-xogħol ġew ipprovduti lill-ħaddiema, inklużi l-prekawzjonijiet li għandhom jieħdu biex jipproteġu lilhom infushom u l-impjegati l-oħra?
- Il-ħaddiema kollha jafu:
 - kif jagħmlu użu sħiħ u tajjeb mill-miżuri ta' kontroll kollha pprovduti?
 - lil min għandhom jirrapportaw problemi u difetti fi kwalunkwe miżura ta' kontroll?
 - kif iwettqu l-verifiki ta' manutenzjoni u ta' funzjonalità previsti, b'mod speċjali ta' ventilazzjoni ta' egżost lokali u ta' tagħmir protettiv ieħor?
 - x'għandhom jagħmlu f'każ ta' inċident jew ta' emerġenza li jinvolvu sustanzi perikolużi?
 - kif jimmaniġġjaw l-iskart?
- Il-ħaddiema huma involuti fl-aġġornamenti regolari tal-valutazzjoni tar-riskju u m'ħarrġa mill-ġdid b'mod regolari?

Aktar Informazzjoni

Eżempji ta' komunikazzjoni ta' suċċess fir-rigward tar-riskji u l-iskedi ta' data ta' sigurtà dwar is-sustanzi perikolużi huma disponibbli fuq: <http://osha.europa.eu/mt/publications/factsheets>.

Il-websajt tal-Aġenzija fiha mistoqsijiet frekwenti dwar, pereżempju, ir-regolament REACH, ir-regolament CLP u materjali oħra ta' referenza hawn taħt.

Studji tal-Każijiet ta' Soluzzjonijiet Prattiċi. Disponibbli fuq: https://osha.europa.eu/en/practical-solutions/case-studies/index_html/practicalsolution?SearchableText=&is_search_expanded=True&getRemoteLanguage=en&subcategory2=dangerous_substances&subcategory%3Alist=dangerous_substances&nace2=&multilingual_thesaurus2=&submit=Search

Periklu: Sustanzi Kimiċi! Taf Xi Jfissru Dawn il-Pittogrammi? (powster f'24 lingwa). Disponibbli fuq: <https://osha.europa.eu/en/publications/promotional-material/clp-poster/view>

Periklu: Sustanzi Kimiċi! Tifsira tal-Pittogrammi ta' Periklu (fuljett f'24 lingwa). Disponibbli fuq: https://osha.europa.eu/en/publications/promotional_material/clp-leaflet/view

Sustanzi Perikolużi u Valutazzjoni tar-Riskju (Preżentazzjoni bil-PowerPoint fi 22 lingwa). Disponibbli fuq: https://osha.europa.eu/en/topics/ds/materials/en_ds.ppt

E-fatt 26 - Sustanzi Perikolużi fil-HORECA. Disponibbli fuq: <https://osha.europa.eu/en/publications/e-facts/efact26/view>

E-fatt 41 - Il-ħaddiema li Jnaddfu u Sustanzi Perikolużi. Disponibbli fuq: <https://osha.europa.eu/en/publications/e-facts/efact41/view>

E-fatt 66: Il-manutenzjoni u sustanzi perikolużi. Disponibbli fuq: <https://osha.europa.eu/en/publications/e-facts/efact66/view>

E-fatt 67: Il-manutenzjoni u sustanzi perikolużi - Manutenzjoni fl-industrija tal-kimika. Disponibbli fuq: <https://osha.europa.eu/en/publications/e-facts/efact67/view>

It-taqsimha tal-websajt tal-EU-OSHA dwar ir-regolament CLP. Disponibbli fuq:

<https://osha.europa.eu/en/topics/ds/clp-classification-labeling-and-packaging-of-substances-and-mixtures>

It-taqsimha tal-websajt tal-EU-OSHA dwar ir-regolament REACH. Disponibbli fuq:

<https://osha.europa.eu/en/topics/ds/reach> Kummissjoni Ewropea, Tibdil lit-Tikketti tas-Sustanzi Kimiċi u lil SDS, Taħriġ dwar l-OHS fis-CLP, 2012. Disponibbli fuq:

<https://osha.europa.eu/en/topics/ds/materials/clp-training.pdf>

Kummissjoni Ewropea, Tibdil lit-Tikketti tas-Sustanzi Kimiċi u lil SDS, 2012. Disponibbli fuq:

<https://osha.europa.eu/en/topics/ds/materials/clp-speakers-notes.pdf>

Kummissjoni Ewropea, Gwida dwar l-OHS fis-CLP, 2012. Disponibbli fuq:

<https://osha.europa.eu/en/topics/ds/materials/clp-osh-guidance.pdf>

Kummissjoni Ewropea, Fuljett dwar l-OHS fis-CLP, 2012. Disponibbli fuq:

<https://osha.europa.eu/en/topics/ds/materials/clp-leaflet.pdf>

Kummissjoni Ewropea, Skeda dwar is-CLP, 2012. Disponibbli fuq:

<https://osha.europa.eu/en/topics/ds/materials/clp-pocket-card.pdf>

Skeda Informattiva 33 - Introduzzjoni għal Sustanzi Perikolużi fuq il-Post tax-Xogħol (fi 22 lingwa).

Disponibbli fuq: <https://osha.europa.eu/en/publications/factsheets/33/view>

Skeda Informattiva 34 - Tneħħija u Sostituzzjoni ta' Sustanzi Perikolużi (fi 22 lingwa). Disponibbli fuq:

<https://osha.europa.eu/en/publications/factsheets/34/view>

Skeda Informattiva 44 - Kif Twassal l-Infurmazzjoni tal-OHS b'Mod Effettiv: Il-Każ ta' Sustanzi Perikolużi. Sommarju ta' rapport (fi 22 lingwa). Disponibbli fuq:

<https://osha.europa.eu/en/publications/factsheets/44/view>

Forum 12 - Xogħol b'Sustanzi Perikolużi. L-Isfida għall-Politika Ewropea (f'fames lingwi). Disponibbli fuq: <https://osha.europa.eu/en/publications/reports/12/view>

Mistoqsijiet Frekwenti dwar ir-Regolament CLP u r-Regolament REACH. Disponibbli fuq:

https://osha.europa.eu/en/practical-solutions/faqs?category=dangerous-substances&subcategory=dangerous-substances::clp_reach

Gwida għall-impjegaturi dwar il-kontroll tar-riskji minn sustanzi kimiċi. Interface bejn id-Direttiva dwar is-Sustanzi Kimiċi u REACH fuq il-post tax-xogħol, il-Kummissjoni Ewropea 2010,

<https://osha.europa.eu/en/topics/ds/materials/reach-guidance-employers.pdf>

Napo f'Sustanzi Kimiċi - Periklu! Disponibbli fuq: http://www.napofilm.net/en/napos-films/multimedia-film-episodes-listing-view?set_language=en&filmid=napo-012-danger-chemicals

Soluzzjonijiet Prattiċi - Għodod ta' Valutazzjoni tar-Riskji. Disponibbli fuq:

https://osha.europa.eu/en/practical-solutions/risk-assessment-tools/index.html/practical-solution?SearchableText=&is_search_expanded=True&getRemoteLanguage=en&subcategory2=dangerous-substances&subcategory%3Alist=dangerous-substances&nace2=&multilingual_thesaurus2=&submit=Search

Rapport - Kif Twassal l-Infurmazzjoni tal-OHS b'Mod Effettiv: Il-Każ ta' Sustanzi Perikolużi. Disponibbli fuq: <https://osha.europa.eu/en/publications/reports/312/view>